MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 202/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Shaun Caruana**

**Kumpilazzjoni Nru: 202/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shaun Caruana detentur tal-karta ta' l-identita' 157695(M).

Akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur gewwa dawn il- gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Fil- lejl ta' bejn il- 31 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2014, gewwa Valletta kkommetta attentat ta' serq minn gewwa vettura BBT862 ghad-dannu ta' Annalise Seychell u jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli.

U aktar talli fl- istess data hin lok u cirkostanzi ikommetta hsara volontarja fuq il- vettura BBT 862 ghad-dannu ta' Annalise Seychell liema hsara ma teccedix il-Euro 259.

U aktar talli nhar it-24 ta' Novembru 2014, gewwa Floriana bejn it-12:00 u 19.15pm ikkommetta serq minn gewwa vettura MEL 294 ghad-dannu ta' Melissa Borg u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda kkwalifikat bil-hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl- istess data hin lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq il- vettura MEL 294 ghad-dannu ta Melissa Borg u jew persuni ohra liema hsara ma teccedix il- Euro 250.

U aktar talli nhar it-8 ta Dicembru 2014, gewwa Floriana bejn il-11:00am u 16.00pm kkommetta serq minn gewwa vettura DBZ 071 ghad-dannu ta’ David Bruce Wildy u jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejnu tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu( €239.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli nhar it-11 ta Dicembru 2014, gewwa Floriana bejn it-8:00am u 18.00pm ikkommetta hsara volontarja fuq il- vettura EBR 778 ghad-dannu ta’ James Muscat liema hsara ma teccedix il- Euro 250.

U aktar talli nhar it-11 ta Dicembru 2014, gewwa Floriana bejn it-7:45am u 16.40pm ikkommetta serq ta’ flus kontanti u oggetti ohra minn gewwa vettura RPO 102 ghad-dannu ta’ Rosienne Vella u jew persuni ohra liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu( €239.24) izda izda ma jeccedix il- Euro 2392.40 u ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz, bil- valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq il-vettura RPO 102 ghad-dannu ta’ Rosienne Vella liema hsara ma teccedix il-Euro 250.

U aktar talli nhar l-20 ta’ Dicembru 2014, gewwa Hamrun bejn in-12:30 u 18:00pm ikkommetta serq minn gewwa vettura MJA 255 ghad-dannu ta’ Mario Bonello u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejnu tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl- istess data hin lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq il- vettura MJA 255 ghad-dannu ta’ Mario Bonello liema hsara ma teccedix il-Euro 250.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-27 ta Dicembru 2014 u t-28 ta' Dicembru 2014, gewwa Pieta' bejn it-8:45 u 12:45pm ikkommetta serq minn gewwa skola ghad-dannu ta' Theresa Miceli u jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu( €239.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil- valur, bil- mezz u bil-hin.

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja gewwa skola San Gorg Preca ghad-dannu ta' diversi persuni liema hsara ma teccedix il- Euro 250.

U aktar talli nhar it-18 ta' Frar 2015, gewwa Valletta bejn it-8:00am u 13.15pm ikkommetta attentat ta' serq minn gewwa vettura KBI 378 ghad-dannu ta' Carmel Magri u jew persuni huwa kkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl- istess data hin lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il- vettura KBI 378 ghad-dannu ta' Carmel Magri liema hsara ma teccedix il- Euro 250.

U aktar talli nhar it-25 ta Dicembru 2014, gewwa Floriana bejn it-12:15 u 18:30pm ikkommetta serq minn gewwa vettura RLG 002 ghad-dannu ta' Lydia Abela u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu( €239.24) izda ikkwalifikat mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl- istess data hin lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq il- vettura RLG 002 ghad-dannu ta' Lydia Abela liema hsara teccedi il- Euro 250.

U aktar talli gewwa dawn il- gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b`kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom.

U aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. N.Camilleri LL.D. nhar il-5 ta' Novembru 2012.

Finalment akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 289, 325 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghas-sbatax il-wahda; huwa kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li f'kull imputazzjoni permezz ta' liema l-imputat gie addebietat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur, il-valur ma jeccediex l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37). L-ufficjal prosekutur iddikjara ukoll li s-sbatax il-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imutat ammetta l-imputazzjonijIet kollha migjuba kontra tieghu hlief ghas-sbatax il-wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi s-sbatax il-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta’ serq li gew ammessi mill-imputat; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sbatax il-imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt li huwa kkommetta dawn ir-reati waqt perjodu ta’ probation. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sbatax il-imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 289 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssibu hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija**. In oltre u b’applikazzzjoni ta’l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 qed taghzel li titratta ma’l-imputata ghar-reati li taghhom instab hati bis-sentenza datata 5 ta’ Novembru 2012 u ghalihom kien tpogga taht probatuion u fil-waqt li tikkonferma l-htija ta’l-imputat tikkundannah **sittax (16) il-xahar prigunerija**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------